SAN LAWRENZ

Laqgha 50

Il-minuti tal-hamsin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar il-Hamis, 18 ta' Settembru 2014 fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill fil-5.30 ta' filghaxija.

Prezenti ghal laqgha:

| | |
|---|---|
| Sindku | Anthony Cassar |
| Vici Sindku | Michelina Mercieca |
| Kunsilliera | Luiga Grima |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv | Lucienne Haber |
| Agent Seg. Ezekuttiv | Odette Camilleri |
| Ambaxxatrici | Renee' Formosa |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Kunsillier | John Mercieca |

1. Talba

Intqalet it-talba. Is-Sindku ppresieda l-laqgha.

2. Minuti

Inqraw il-minuti mis-Seg. Ezekuttiv u gew approvati kif prezentati. Il-minuti gew iffirmati mis-Sindku u s-Seg. Ezekuttiv.

3. Tkomplija tal-fazi tal-Progett tal-Pjazza

3.1 Is-Sindku nforma lil prezenti li l-offerta tal-pedisterian lights li jahdmu b'sistema solari, kif ukoll tal-Iskips gew ippubblikati u ser jaghalqu fis-17 t'Ottubru 2014.

3.2 Rigward it-*tactile stainless steel studs* ghaz-zewg *zebra crossings* tal-Pjazza, s-Sindku talab diversi kwotazzjonijiet li wahda biss inghatat li kienet minn ghand Domenic Dept Stores. Il-prezz kwotat kien ta' €3068 VAT inkluz ghal materjal biss. Peress li l-prezz kien gholi u skond il-ligi ma tistax tinghata *direct order*, ghandha tinhareg talba ghal kwotazzjoni u tigi ppublikata fil-gazzetta tal-Gvern u l-Malta Independent. Is-Sindku nforma lil prezenti li ccekja *on line* f'dan ir-rigward izda ma kellux risposta. Sar

qbil fost il-membri biex jinhatar persuna teknika li tkun tista ticcertifika x-xoghol, u gie maqbul li jinhatar il-perit li ghandu x'jaqsam mal-progett tal-pjazza is-Sur Edward Xerri biex jaghmel il-*Bill of Quantities* kif ukoll id-dokument tal-materjal li hemm bzonn biex din tkun tista tigi ppublikata.

3.3 Is-Sindku nforma lil prezenti li fil-pjazza twahhlu tabella tal-parkegg ghal persuni b'dizabilita, tabella ma genb il-knisja biex ma jintefax skart, tabella imwahhla mal-konteninturi li turi li huma mmuniterjati bil-*camera*, kif ukoll tabella ghal *HOP ON HOP OFF*.

3.4 Is-Sindku nforma ukoll lil prezenti li l-applikazzjoni biex jinxteghlu l-hdax il-fanal kif ukoll tal-pjazza, li qeghda fil-fazi li tigi approvata mill-Awtorita' tal-ARMS. Sahaq meta jkun hemm l-approvazzjoni din tghaddi ghand l-Enemalta u din l-awtorita tkun tista taghti is-servizzi tad-dawl. Il-Kunsilliera, Mikelina Mercieca gibdet l-attenzjoni li ghall-attivitajiet ta' bejn is-17 u l-20 t'Ottubru jkun xieraq li d-dawl tal-Pjazza kif ukoll il-funtana jkunu jahdmu biex l-attivita li ser issir mil-Folk tkun aktar attrajenti. Is-Sindku sahaq li hija hasra li l-awtoritajiet idumu daqshekk biex jaghtu l-approvazzjoni taghhom biex dawn ikunu jistghu jinxteghelu kemm il-pjazza kif ukoll il-parti zghira li ghad fadal mil-fanali tal-isqaqien, kif ukoll ta referenza ghall-ismijiet tal-isqaqien li dalwaqt ser jitlestew mlil-kuntrattur u b'hekk jkunu jistghu jitwahhlu.

3.5 Rigward l-arlogg tad-dawl u l-*enclosure* tal-kontroll tal-funtana, s-Sindku rega' staqsa huwiex possibli li flok jitwahhlu taht l-art isiru fuq, fejn dan dejjem ghandu jittiehdu l-pariri minnghand persuna teknika kemm fil-kariga ta Perit kif ukoll fil-kariga ta' Electrical Engineer, li tkun prevista parti mill-pjanta u mill-bank li diga hemm, b'hekk il-Perit ikun jista jaghmel id-disinn tieghu u jigi mghoddi lil-kunsill, kif ukoll tkun trid issir DNO u tintbaghat lil Awtorita' kompetenti biex jkollna il-permessi mehtiega, sabiex dan il-makkinarju li jhaddem is-sistema tal-funtana li hija elettronika ma tkunx ghall-umdita u ma tkunx ta' periklu ghal min jahdem fuqha. Kif ukoll ghall-Arlogg tad-Dawl li dawn ma jkunx hemm access ghalih, peress li jkun mirduma taht it-triq izda hemm dubju jekk l-Enemalta tistax toggezzjona li jitwahal l-Arlogg taht l-art. Is-Sindku sahaq meta' jkollna dawn il-pariri f'idejna jghaddihom ghad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-membri qablu ma dan.

3.6 Is-Sindku u s-Seg. Ezekuttiv baghtu *site plan* lil Transport Malta fejn talbu biex jigu approvati li jsiru *double yellow lines* fejn hemm rampa ghall-persuni bi bzonnijiet specjali ma genb il-Knisja. Wara li jigu approvati kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jaghmel hiltu biex jikkontrolla l-iskart mormi illegalment fejn iz-zuntier tal-Knisja.


Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt

SAN LAWRENZ



4. Zjara tal-Onor. Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo

4.1 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li l-Onor. Stefan Buontempo ser jaghmel iz-zjara ufficcjali tieghu fl-ufficcju tal-Kunsill nhar l-Erbgha, 1 t'Ottubru 2014 fil-11.45 ta' fil-ghodu. Il-membri qablu li ghandhom jiddiskutu mieghu l-agenda li diga giet preparata f'laqghat precedenti. Kien hemm qbil li jigi prezentat ktieb bhala rikordju taz-zjara tieghu.

5. Il-Bring In Sites ta' Triq il-Gebla tal-General

5.1 Is-Sindku nforma lil prezenti li dawn ghadhom ma gewx mibdula. Wara li s-Sindku kkuntatja lil kumpanija Wasteserv, hu gie nfurmat li l-Kunsill irid jixtrihom peress li skada iz-zmien fil-31 ta' Lulju 2014 li jaqghu taht il-Wasteserv u huma responsabilita' tal-Kunsill Lokali, izda hu informa lil prezenti li l-Kunsill ma jistax jassorbi dawn l-ispejjes minhabba l-qaghda finanzjarja. Is-Sindku kiteb ukoll lil Green MT u ghadu qed jistenna twegiba. Is-Seg. Ezekuttiva qalet li l-Kunsill ma jiflahx ghal ispiza li jixtri ohrajn u li fil-present titwahhal CCTV. Kien hemm qbil fost il-membri sabiex dawn jitnehhew jekk ma jigux provduti lil Kunsill b'xejn. Kien hemm qbil mill-membri fuq dan imsemmi.

6. Harga ghall-Anzjani

6.1 Is-Sindku ppropona li l-Harga ghal-Anzjani ssir l-Erbgha, 24 ta' Settembru 2014. Fejn talab lil-Vici Sindku u l-Kunsilliera Luiga Grima biex jiehdu hsieb din il-harga. Is-Seg. Ezekuttiv ser tibghat l-avviz mal-bullettin.

7. Il-Problemi tad-Dwejra Interpretation Centre

7.1 Is-Sindku semma li l-*generator* tad-Dwejra Interpretation Centre ma kienx qed jiffunzjona tajjeb, izda sar rapport lil kuntrattur min fejn kien inxtara dan il-Generatur peress li dan ghadu bil-garanzija, ghalhekk tranga u gie jahdem normali.

7.2 Intbghatet ittra bl-avukat tal-Kunsill minhabba t-twahhil ta' l-*air condition*. Is-Sindku qal li l-kunsill ghadu minhajr twegiba u b'hekk ippropona li ghandu jinbidel l-avukat tal-Kunsill peress li hu l-istess avukat tas-sid ta' Azzure Window Restaurant. Is-Sindku ppropona li minfloku, l-Kunsill ghandu jqabbad lil Avukat Kevin Mampalao. Il-membri qablu ma dan.

8. Wara z-zjara f'Colle Umberto

8.1 Is-Sindku stqarr li din iz-zjara kienet success u qal li hu kif ukoll il-president tal-kumitat tal-gemellag is-Sur Noel Formosa attendew ghal laqghat rigward Youth Exchange. Is-sena d-diehla ser ikun imfakkar l-10 snin anniversarji, li l-kumitat ser jahdem biex ikun possibli li dawn jigu mistiedna fostna ghal festa tar-rahal kif ukoll hemm il-hsieb biex f' Ottubru 2015 ir-rahal taghna ikun mistieden sabiex jergghu jaghmlu mawra Colle Umberto.

8.2 Rigward is-*subsistance allowance* ghal min ikun imsiefer. Din tista tintalab kull min ikun mistieden fuq xoghol barra min Malta kien hemm qbil fost il-membri li m'ghandhomx jitolbu ghal din l-*allowance*.

9. Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarja fi tmiem il-karriera taghha

9.1 Il-*performance bonus* tas-Segretarju Ezekuttiv gie approvat unanimament li jinghata bhal ma nghata fis-snin ohra li kienet bl-10%.

9.2 Is-Sindku awgura minn qalbu hidma siewja lis-Segretarja li fil-qrib ser tibda kariga gdida fil-Kunsill Lokali ta' Ghajnsielem, u flimkien mal-membri prezenti rringrazzja tal-hidma taghha fil-Kunsill ta' San Lawrenz. Is-Seg. Ezekuttiv irreciprokat r-ringrazzjament u ukoll irringrazzjat lil prezenti ghar-rispett taghhom lejha tul il-karriera taghha.

9.3 Il-Kunsilliera Rose Vella pproponiet li jinghata gieh lil Lucienne Haber, Segretarju Ezekuttiv kif ukolll lil kuntrattur Joe Grima meta tigi nawgurata l-pjazza.

10. Hrug mill-gdid tal-applikazzjonijiet ghal-Seg. Ezekuttiv

10.1 Billi ma applika hadd li kien elegibli mill-*pooling* ghas-sejha li kienet saret, kien hemm qbil li terga' tohrog sejha ohra fil-*pooling*. L-Agent Seg. Ezekuttiv ghandha terga' titlob il-permess tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

11. Hatra ta' Rapprezentant ghar-Regjun t'Ghawdex

11.1 Il-membri qablu unanimament li s-Sindku jinhatar bhala membru fir-Regjun t'Ghawdex bhala rapprezentant tal-Kunsill Lokali San Lawrenz minflok l-Ex Sindku, Anthony Formosa

12. Materji ohra

12.1 Il-Kunsilliera Rose Vella proponiet sabiex jinghata l-konkos f'passagg ghal-eghlieqi fi Triq il-Gebla tal-General, fejn qalet li il-konkos ser jinghata mill-Gvern Centrali waqt li l-Kunsill irid jipprovdi l-ispejjes tax-xibka. Il-membri qablu ma dan.

12.2 Is-Sindku talab lil Agent Seg. Ezekuttiv sabiex tikteb lil min hu inkarigat biex ikun hawn haddiema biex isiru manutenzjoni fir-rahal, fejn is-Segretarja irrimarkat li ser tikteb lil Guido Zammit ta' l-ETC ghal talba ta' haddiema taht l-iskema CWS. Il-kunsill qabel ma dan imsemmi.

12.3 Il-Kunsilliera Luiga Grima fejn proponiet li passagg iehor fi Triq il-Gebla tal-General fejn il-lok tal-borza jitnaddaf mill-haxix sabiex ikunu jistghu jghaddu l-bdiewa. Il-membri qablu li dan ghandu jitnaddaf.

12.4 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lil prezenti li d-Dipartiment Progetti u Zvilupp ser jaghmlu l-bankini godda peress li dawn jaqghu taht il-kompetenza tal-Gvern Centrali.

12.5 Is-Sindku talab biex tintbaghat talba lil-Transport Malta sabiex jinghata permess sabiex jitwahhlu zewg hadidiet fi Triq id-Duluri kantuniera ma Triq il-Gebla tal-General. Il-membri qablu ma dan.

12.6 Is-Sindku propona li ghandu jintalab il-permess ta' Transport Malta sabiex issir hadida quddiem ta' Pawla Vella fi Triq il-Wileg. Il-membri qablu.

12.7 Il-Vici Sindku proponiet sabiex issir hadida ohra quddiem ta' Theresa Grima fi Triq id-Duluri. Il-membri qablu li ghandu jintalab il-permess ta' Transport Malta.

12.8 Is-Sindku propona li ghandu jintalab il-permess ta' Transport Malta ghal kaxxa *un/loading* quddiem il-hanut tal-merca tal-Pjazza. Il-membri qablu ma dan.

12.9 Is-Sindku rrefera ghal-mera tat-traffiku miksura fi Triq it-Torri. Il-membri qablu li ghandha terga' tehel ohra flokha.

12.10 Is-Sindku prezenta kwotazzjoni minn ghand Klement Cauchi ghal bini ta' hajt imwaqqa' fil-parti t'isfel ta' Triq il-Wileg. Il-prezz ta' din il-kwotazzjoni hu ta' €448.40 VAT inkluza li jinkludi xoghol, materjal u bini ta' dan il-hajt bid-dublu. Dan kien ta periklu ghas-sewwieqa meta taghmel

ix-xita peress li tinzel il-hamrija fit-triq. Il-membri qablu li jsir dan ix-xoghol.

12.11 Il-membri qablu li tinghata l-labra ta' l-influenza mill-Kunsill. Is-Seg. Ezekuttiv ghandha tinforma lir-residenti b'avviz mal-bullettin.

12.12 Is-Sindku prezenta *cake* lis-Seg. Ezekuttiv bhala turiha ta' apprezzament ghal hidma taghha fil-lokalita'.

Il-laqgha ntemmet fis-7.15 ta' fil-ghaxija.

Anthony Cassar
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Ezekuttiv